MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 282/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Mifsud**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra Vincent Mifsud talli --

(1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-18 ta' Mejju 2001, ghall-habta tal-11.25 am fil-bar ta' St Gaetano Band Club, Hamrun naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-

partita 10 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

(2) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, u 3 tal-Erbatax-il skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni peress li kkunsidrat li din kienet imputazzjoni alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, izda sabet lil imsemmi Vincent Mifsud hati skond l-imsemmija tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Vincent Mifsud, minnu prezentat fit-18 ta’ Novembru 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni u mill-multa inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu migjub f’dawn it-termini:

**Illi l-esponent ma kienitx il-persuna li tat is-servizz. Illi hu kien ha l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex min jaghti s-servizzi fl-assenza tieghu josserva dak li tghid il-ligi. Dan ghamlu u allura ma kellux jirrispondi ghal ghemil ta’ min ta s-servizz ghall-prekawzjonijiet kollha li tezigi l-ligi *(sic!)* u hadhom. Ghalhekk ma kellux jinstab hati tat-tieni akkuza.**

Bazikament l-appellant qed jghid li fil-kaz tieghu japplika l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

*Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettieq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata:* ***izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak l-ghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas****.* (enfazi tal-Qorti).

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni zewg spetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghamlu spezzjoni fil-Kazin tal-Banda San Gejtanu gewwa l-Hamrun. Fil-bar huma nnutaw li certu Brandon Mifsud kien qed jaqdi lill-klienti izda ma kienx qed johorgilhom ricevuta. Huma staqsewh ghala kien qed jaghmel hekk u huwa wiegeb li l-*cash register* kien bil-hsara. Irrizulta wkoll li kien hemm disponibbli ktieb tar-ricevuti fiskali li pero` ma kien qatt intuza. Kif l-ispetturi kienu qed ikellmu lil dan Brandon Mifsud tfacca wara l-bank tal-bar l-appellant – li huwa l-persuna registrata ghall-finijiet tal-ligi in dizamina – u dana kkonferma li l-*cash register* kien bil-hsara. Meta xehed l-appellant qal li huwa kien ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu biex dejjem johorgu ricevuti fiskali, li l-*cash register* kien thassar proprju l-lejl ta' qabel, u li hu ma kellux cans jivverifika jekk kienux qed johorgu ricevuti fiskali ghax meta beda x-xoghol dik il-gurnata hu ma kienx hemm.

Apparti li din il-Qorti – li kellha l-opportunita` li tisma' lill-appellant jixhed quddiemha – semplicement ma temminx lill-appellant bil-"kumbinazzjonijiet" kollha li huwa pprova

jikkonvinciha bihom, il-fatt jibqa' li fil-mument meta kien qed isir il-bejgh minn Brandon Mifsud l-appellant kien prezenti fil-kazin, u dak li ragonevolment kellu jaghmel biex jassigura ruhhu li Brandon Mifsud kien qed jobdi l-"ordnijiet tieghu" kien li jaghti titwila lill-ktieb ta' l-ircevuti. Kieku ghamel hekk – haga elementari galadarba kien jaf li l-*cash register* kien bil-hsara u haga li ma kienitx tokkupalu aktar minn ftit sekondi tal-hin tieghu – kien jinduna li Brandon Mifsud ma kienx qed isegwi l-ordnijiet tieghu. Ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu. Fil-kaz *de quo* l-appellant seta b'dilegenza ragonevoli jkun jaf x'kien qed isir minn Brandon Mifsud, u naqas milli jaghmel kullma seta' biex izomm lill-istess Brandon Mifsud milli jinganna lill-erarju.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------